MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 559/2006

**Talba Nru: 559/06PBC**

**Mario Seychell (ID 567960M)**

**Vs**

**Mark Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450) rapprezentanti xoghol li ghamel l-attur konsistenti fi tqeghid ta` madum ta` l-art u tal-hajt u

xoghlijiet ohrajn liema xoghol gie ordnat mill-konvenut skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, liema xoghol gie debitament accettat mill-konvenut.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li m'huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u jitlob li jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ix-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas ma sarx skond is-sengha u l-arti. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-attur abbanduna l-appalt lilu moghti.

Ra l-verbal tal-11 ta` Dicembru, 2006 li bih il-konvenut iddikjara illi l-legittimu kontradittur huwa Bieb Bieb Enterprises Limited.

Ra li ma saret l-ebda talba ghall-kjamata in kawza ta` l-istess kumpanija.

Sema` x-xhieda ta` Mario Seychell, Mark Vella u ta` Nathalie Portelli.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Kris Busietta ghall-attur u ta` Dr Jan-Karl Farrugia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ghamel xoghol ta` tqeghid ta` madum f'lokal ir-Rabat. Il-prezz pattwit kien wiehed *lump sum* ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450). Inkluz fil-ftehim originali kien miftiehem li l-attur jaghmel *kitchenette* u *toilet* zghir f'parti nterna tal-kamra li kien qed jaghmel il-madum fiha. Il-*kitchenette* u t-*toilet* ma sarux mill-attur. Dan ghaliex fil-kors ta` dan ix-xoghol giet kamra ohra *available* u ghalhekk gie deciz illi l-*kitchenette* u t-*toilet* isiru go din il-kamra l-ohra.
L-attur deherlu illi x-xoghol f'din il-kamra z-zghira kien jikkonsisti f'xoghol iehor gdid u ghalkemm ma jirrizultax li talab xi hlas addizjonali, jidher illi huwa ma kienx dispost ikomplih mal-lant tax-xoghol ghax ried imur jehles xoghol iehor f'Golden Bay u wara li jlesti, jerga` jkompli bix-

xoghol ir-Rabat. Ghas-sid dan ma kienx sodisfacenti u ghalhekk irrifjuta li jhallas lill-attur qabel ma jitlestew il-*kitchenette* u t-*toilet*. L-attur imbaghad ghaddas rasu w insista li jithallas qabel ma jigi jkompli. Spicca biex imbaghad l-attur ma giex jaghmel il-*kitchenette* u t-*toilet* u ma thallas ta` xejn tant illi sussegwentement ix-xoghol fuq il-*kitchenette* u t-*toilet* saru bi spejjez addizjonali ta` mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm129.60c).

Nathalie Vella ghall-kumpanija msemmija ssostni illi fil-fatt apparti din l-ispiza addizjonali kien hemm xoghol hazin. Minhabba l-mod kif hadem il-konvenut huma nkorrew diversi hsarat u danni kif jirrizulta mill-prospett Dok. MV2 a fol 28 tal-process u mir-ritratti MV1 a fol 27 tal-process izda t-Tribunal jidhirlu illi minn dan l-ammonti kollha ghandu jkun hemm tnaqqis biss ta` mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm129.60c) imsemmija billi fil-mument li l-attur waqaf milli jahdem, dan kien l-unika xoghol li kien rimanenti u f'dak il-mument ma kienx hemm ilmenti dwar il-kwalita` tax-xoghol jew xi lmenti ohrajn.

Dwar in-natura tax-xoghol u jekk din hijiex tal-kwalita` pattwita, t-Tribunal m'huwiex konfortat b'xi relazzjoni peritali jew xi opinjoni teknika *ex parte* u ghalhekk f'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax iqis li din l-eccezzjoni giet sodisfacentement ipprovata.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jidher li l-attur huwa ntitolat jithallas l-ammont ta` tlett mija u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm320.40c).

Izda l-kwistjoni tibqa` jekk dan ghandux jithallas mill-konvenut jew le.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur ghamel xoghol ta` tqeghid ta` madum f'lokal li jinsab ir-Rabat li jirrizulta li huwa ta` proprjeta` tal-kumpanija Bieb Bieb Enterprises Limited izda l-attur jikkontendi illi huwa ftiehem direttament ma` Mark Vella u mhux mal-kumpanija.

Mark Vella, jsostni illi huwa mpjegat tal-kumpanija bhala *graphic designer* mal-kumpanija Bieb Bieb Enterprises Limited. Huwa gie kkorroborat minn Nathalie Portelli li hija l-*managing director* tal-kumpanija. It-Tribunal jemmen li fil-fatt l-ewwel kuntatt mal-konvenut kien meta cemplitlu Nathalie Portelli.

Wara dan, l-attur gie fuq il-post u ra x-xoghol u meta ma giex biex jibdih kienet proprju Nathalie Portelli li cemplitlu w avzatu li jekk ma jigix, il-kumpanija ser tinkariga lil xi haddiehor.

Mill-banda 'l ohra, l-attur jinsisti li huwa fil-fatt innegozja mal-konvenut personalment.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda kemm ta` Mark Vella u kif ukoll ta` Nathalie Portelli illi meta Nathalie Portelli riedet tinnegozja jew tiddiskuti ma` l-attur, l-attur kien jinsisti li jitkellem ma` Mark Vella ghax ma kienx ikun irid jiddiskuti ma` mara.

Certament fil-pozizzjoni tieghu ta` *graphic designer*, Mark Vella ma kellux ir-rapprezentanza ta` l-istess kumpanija izda t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kumpanija kienet kuntenta li l-konvenut ikun il-*contact person* ma` l-attur u dan mhux ghaliex il-konvenut kien qed jassumi xi responsabbilta` personali izda ghaliex <u>ghall-attur</u> kien aktar konvenjenti li jsir hekk.

Jinghad ukoll li dan mhux xi kaz fejn persuna qed tipprova tinheba wara l-mant ta` kumpanija biex imbaghad meta tigi mfittxija l-kumpanija ma jinstab xejn. Mill-atti jidher li l-kumpanija ghadha tezisti u qed tikkumercja.

Il-post fejn sar ix-xoghol huwa tal-kumpanija msemmija u kienet hi li hadet il-beneficcju tax-xoghol ta` l-attur.

Fid-dawl tal-premess it-Tribunal huwa sodisfatt illi effettivament in-negozju sar bejn l-attur u bejn il-kumpanija Bieb Bieb Enterprises Limited u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tisthoqq li tigi milqugha.

Illi stante n-natura tal-vertenza, t-Tribunal ihoss li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju b'riserva favur l-attur ghal kull pretensjoni *si et quatenus* li jista` jkollu kontra s-socjeta` Bieb Bieb Enterprises Limited. L-ispejjez tal-kawza huma bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------